



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 20 ta' Settembru 2022
(OR. en)

12123/22

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0258 (NLE)

TRANS 552

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni Ewropea fir-rigward tal-emendi għall-Annessi tal-Ftehim dwar it-Trasport Internazzjonali ta' Oġġetti Perikolużi bit-Triq (ADR) u għar-Regolamenti annessi mal-Ftehim Ewropew dwar it-Trasport Internazzjonali ta' Oġġetti Perikolużi fuq Passaġġi tal-Ilma Interni (ADN)

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2022/...

ta' ...

**dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni Ewropea fir-rigward tal-emendi
għall-Annessi tal-Ftehim dwar it-Trasport Internazzjonali ta' Oġġetti Perikolużi
bit-Triq (ADR) u għar-Regolamenti annessi mal-Ftehim Ewropew dwar
it-Trasport Internazzjonali ta' Oġġetti Perikolużi fuq Passaġġi tal-Ilma Interni (ADN)**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 91, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim dwar it-Trasport Internazzjonali ta' Oġġetti Perikolużi bit-Triq (ADR) daħal fis-seħħ fid-29 ta' Jannar 1968. Il-Ftehim Ewropew dwar it-Trasport Internazzjonali ta' Oġġetti Perikolużi fuq Passaġġi tal-Ilma Interni (ADN) daħal fis-seħħ fit-28 ta' Frar 2008.
- (2) Skont l-Artikolu 14 tal-ADR, kwalunkwe Parti Kontraenti tista' tipproponi emenda waħda jew aktar għall-Annessi tal-ADR. Il-Grupp ta' Ħidma dwar it-Trasport tal-Oġġetti Perikolużi (WP.15) huwa l-korp kompetenti biex jiddeċiedi dwar l-adozzjoni ta' kull emenda bħal din. Skont l-Artikolu 20 tal-ADN, kwalunkwe Parti Kontraenti tista' tipproponi emenda waħda jew aktar għar-Regolamenti annessi mal-ADN. Il-Kumitat Amministrattiv stabbiliti taħt l-ADN huwa l-korp kompetenti biex jiddeċiedi dwar l-adozzjoni ta' kull tali emenda bħal din. Matul il-perjodu ta' sentejn bejn l-2020 u l-2022, il-Grupp ta' Ħidma dwar it-Trasport ta' Oġġetti Perikolużi (WP.15) u l-Kumitat Amministrattiv tal-ADN adottaw emendi għall-Annessi tal-ADR u għar-Regolamenti annessi mal-ADN, rispettivament, li ġew notifikati lill-Partijiet Kontraenti tal-ADR fis-6 ta' Lulju 2022 u lill-Partijiet Kontraenti tal-ADN fl-1 ta' Lulju 2022.

- (3) Skont l-Artikolu 14 tal-ADR, l-emendi proposti għall-Annessi di proposti għall-Annessi jitqiesu aċċettati sakemm ma jkunx hemm mill-inqas terz tal-Partijiet Kontraenti, jew ħamsa minnhom jekk terz jaqbeż dik iċ-ċifra, li joġġezzjonaw għal dawk l-emendi fi żmien tliet xhur mid-data li fiha s-Segretarju Ġenerali jkin iċċirkola l-emendi proposti. Skont l-Artikolu 20 tal-ADN, kwalunkwa abbozz ta' emenda għar-Regolamenti annessi mal-ADN titqies aċċettata sakemm ma jkunx hemm mill-inqas terz tal-Partijiet Kontraenti, jew ħamsa minnhom jekk terz jaqbeż dik iċ-ċifra, li joġġezzjonaw għal dawk l-emendi fi żmien tliet xhur mid-data li fiha s-Segretarju Ġenerali jkun iċċirkolahom.
- (4) Jixraq tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni fir-rigward ta' dawk l-emendi għall-ADR u għall-ADN, peress li dawn ser ikunu vinkolanti skont id-dritt internazzjonali u huma kapaċi jinfluwenzaw b'mod deċiżiv il-kontenut ta' liġi tal-Unjoni, jiġifieri d-Direttiva 2008/68/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹. Dik id-Direttiva tistabbilixxi r-rekwiżiti għat-trasport tal-oġġetti perikolużi bit-triq, bil-ferrovija jew fuq il-passaġġi tal-ilma interni, li għandhom japplikaw fl-Istati Membri jew bejniethom, billi tirreferi għall-ADR u għall-ADN. Barra minn hekk, dik id-Direttiva tipprevedi li t-trasport tal-oġġetti perikolużi bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi jenħtieġ għandu jiġi awtorizzat diment li dan ikun konformi mar-rekwiżiti tal-ADR, ir-Regolamenti rigward il-Ġarr Internazzjonali ta' Merkanzija Perikoluża bil-Ferrovija (RID) u l-ADN. Barra minn hekk, f'konformità mal-Artikolu 8 tad-Direttiva 2008/68/KE, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadatta l-Anness I, it-Taqsima I.1 u l-Anness III, it-Taqsima III.1 tad-Direttiva 2008/68/KE għall-progress xjentifiku u tekniku, b'mod partikolari biex jitqiesu l-emendi għall-ADR, għall-RID jew għall-ADN.

¹ Id-Direttiva 2008/68/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Settembru 2008 dwar it-trasport intern ta' oġġetti perikolużi (ĠU L 260, 30.9.2008, p. 13.)

- (5) L-Unjoni mhix Parti Kontraenti għall-ADR jew għall-ADN. Madankollu, dan il-fatt ma jwaqqafhiex milli teżerċita l-kompetenza tagħha billi tistabbilixxi, permezz tal-istituzzjonijiet tagħha, pożizzjoni li trid tiġi adottata f'isimha fi ħdan il-korp stabbilit minn kwalunkwe wieħed minn dawn il- Ftehimiet, b'mod partikolari permezz tal-Istati Membri li huma Partijiet Kontraenti għal kwalunkwe wieħed minn dawn il- Ftehimiet filwaqt li jaġixxu b'mod konġunt fl-interess .tal-Unjoni.
- (6) L-Istati Membri kollha huma Partijiet Kontraenti għall-ADR u japplikawh, u 13-il Stat Membru huma Partijiet Kontraenti għall-ADN u japplikawh.
- (7) L-emendi previsti għandhom l-għan li jiżguraw it-trasport sikur u effiċjenti tal-oġġetti perikolużi, filwaqt li jitqies il-progress xjentifiku u tekniku fis-settur, u l-iżvilupp ta' sustanzi u oġġetti ġodda li jistgħu joħolqu periklu waqt it-trasport tagħhom. L-iżvilupp tat-trasport tal-oġġetti perikolużi bit-triq u fuq il-passaġġi tal-ilma interni, kemm fl-Unjoni kif ukoll bejn l-Unjoni u l-pajjiżi ġirien tagħha, hu komponent ewlieni tal-politika komuni tat-trasport u jiżgura l-funzjonament tajjeb tal-fergħat industrijali kollha li jipproduċu jew jużaw oġġetti klassifikati bħala perikolużi skont l-ADR jew l-ADN.
- (8) L-emendi previsti huma kkunsidrati xierqa għat-trasport sikur tal-oġġetti perikolużi b'mod kosteffettiv, huma ġġustifikati u ta' benefiċċju, u għalhekk jenħtieġ li-jiġu appoġġati mill-Unjoni.

- (9) Il-pożizzjoni tal-Unjoni fir-rigward tal-emendi għall-Annessi tal-ADR u l-emendi għar-Regolamenti annessi mal-ADN trid tiġi espressa mill-Istati Membri li huma Partijiet Kontraenti għall-ADR u għall-ADN, rispettivament , filwaqt li jaġixxu b'mod konġunt fl-interessi tal-Unjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni fir-rigward tal-emendi adottati mill-Grupp ta' Ħidma dwar it-Trasport tal-Oġġetti Perikolużi (WP.15) għall-Annessi tal-ADR u fir-rigward tal-emendi adottati mill-Kumitat Amministrattiv tal-ADN għar-Regolamenti annessi tal-ADN, hija stipulata fl-Anness għal din id-Deċiżjoni⁺.

Jista' jintlaħaq ftehim dwar bidliet minuri għall-emendi msemmija fl-ewwel paragrafu mingħajr deċiżjoni ulterjuri tal-Kunsill, f'konformità mal-Artikolu 2.

Artikolu 2

Il-pożizzjoni msemmija fl-Artikolu 1 għandha tiġi espressa mill-Istati Membri li huma partijiet kontraenti għall-ADR u għall-ADN, rispettivament, fir-rigward tal-emendi għall-Annessi tal-ADR u l-emendi għar-Regolamenti annessi mal-AND, filwaqt li jaġixxu b'mod konġunt fl-interess tal-Unjoni.

⁺ Delegazzjonijiet: araw id-dokument ST 12399/22.

Artikolu 3

Għandha tiġi ppubblikata referenza għall-emendi aċċettati għall-Annessi tal-ADR u għar-Regolamenti annessi mal-ADN f' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, filwaqt li tiġi indikata d-data tad-dħul fis-seħħ tagħhom.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ...,

Għall-Kunsill

Il-President
